# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Nru.: 891/2017 MH**

**Illum, 11 ta' Diċembru, 2019**

**Silvio Buttigieg (K.I. 485855M)**

**vs**

**Ahmed Abdul Karim (K.I. 365901L)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors tar-rikorrent Silvio Buttigieg tad-29 ta' Settembru 2017** li permezz tiegħu ġie premess:

*"Illi permezz ta' ittra ufficjali datata 7 ta' Settembru 2017 (numru 3264/17) l-intimat Ahmed Abdul Karim interpella lill-esponent sabiex ihallsu s-somma ta' tlett mija u tlieta u sittin elf Dollaru Amerikan (USD 363,000) ekwivalenti ghal mitejn hamsa u sebghin elf u tmien Ewro u tmenin centezmu (€275,008.80) ...*

*valur ta' kambjala li mmaturat fil-wiehed u tletin (31) gurnata ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnax (2012).*

*L-imsemmija ittra ufficjali saret fit-termini tal-Artikoli 253 u 256 (2) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.*

*Illi l-esponenti ma jaqbilx li ghandu jhallas l-ammont mitlub bl-imsemmija ittra ufficjali minhabba li wara li giet iffirmata l-kambjala huwa hallas diversi ammont kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dawn il-proceduri u llum mhux veru li ghandu jaghti dan l-ammont lill-intimat.*

*Illi in oltre tajjeb li jinghad li l-kambjala tinkludi diga' imghaxxijiet dekorsi u ghalhekk l-intimat qieghed effettivament jitlob ukoll imghaxxijiet fuq l-imghaxxijiet li qatt ma kienu maqbula.*

*Ghaldaqstant in vista tas-suespost l-esponent jitlob bir-rispett li din il-Qorti joghgobha sabiex ai termini tal-artikolu 253 (4) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tissospendi l-esekuzzjoni tal-kambjala msemmija, u konsegwentement tidderigi lill-intimat sabiex jiddeduci l-pretensjonijiet tieghu b' kawza skond id-disposizzjonijiet tal-Kodici tal-Kummerc.*

*Salv kull azzjoni ohra spettanti lill-esponent skond il-Ligi.*

*Bl-ispejjez."*

Rat id-dokument anness mar-rikors.

Rat **ir-risposta tal-intimat Ahmed Abdul Karim tal-10 ta' Novembru 2017**[1] permezz ta' liema huwa oppona għat-talba tar-rikorrent kif ġej –

[1] Fol 4 et seq

1. *Illi l-esponent jopponi ghat-talba tar-rikorrenti Silvio Buttigieg ghar-ragunijiet segwenti:*

   *i. Il-kambjala li taghha l-esponent talab l-ezekuzzjoni ai termini ta' l-Art. 253(e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta giet iffirmata nhar id-29 ta' Dicembru 2011;*

   *ii. L-istess kambjala tirreferi ghal somma ta' 258,000 Dollaru Amerikan mislufa lil Silvio Buttigieg mill-esponent fis-sena 2005 li fuqha bdew jiddekorru imghaxijiet ta' 8% fis-sena mahduma fuq bazi ta' simple interest li jwasslu sabiex fid-data tad-29 ta' Dicembru 2011, is-somma dovuta kienet dik ta' tliet mija tlieta u sittin elf dollaru Amerikani ($363,000) [ Dok A -ftehim iffirmat bejn il-partijiet nhar l-1 ta' Novembru 2011] kif indikat fil-kambjala mertu ta' dawn il-proceduri;*

   *iii. Illi bejn l-2012 u l-2015, l-intimat ghamel xi pagamenti li huma segwenti [Dok B1-11]:*

   *(a) 6 ta' Novembru 2012 – Eur 10,000*

   *(b) 21 ta' Ottubru 2013 – Eur 10,000*

   *(c) 26 ta' Ottubru 2013 – Eur 5,000*

   *(d) 5 ta' Novembru 2013 – Eur 5,000*

   *(e) 14 ta' Jannar 2014 – Eur 10,000*

   *(f) 26 ta' Frar 2014 – Eur 10,000*

*(g) 7 ta' April 2014 – Eur 10,000*

*(h) 14 ta' Awissu 2014 – Eur 10,000*

*(i) 19 ta' Settembru 2014 – Eur 10,000*

*(j) 22 ta' Ottubru 2014 – Eur 10,000*

*(k) 30 ta' Jannar 2015 – Eur 5,000*

*(l) 11 ta' Frar 2015 – Eur 5,000*

*iv. Illi minkejja li d-debitur ghamel dawn il-pagamenti xorta wahda illum ghadu debitur ghal valur ghola minn dak indikat fil-kambjala mertu ta' dawn il-proceduri kif jirrizulta mill-prospett hawn anness u mmarkat Dok C ghaliex galadarba l-pagament kien dovut fl-intier tieghu fil-31 ta' Dicembru 2012, bil-pagamenti li kien qed jaghmel id-debitur kien biss qed jindirizza parti mill-imghax dovut skont il-ligi. Ghal kull buon fini kif jista jigi facilment verifikat mill-istess prospett li l-imghax inhadem fuq il-bazi ta' 8% u fuq bazi ta' simple u mhux compound interest;*

*v.Illi inoltre nhar it-30 ta' Marzu 2017, permezz ta' skrittura iffirmata mill-istess Silvio Buttigieg, l-istess rikorrent irrikonoxxa li huwa debitur fil-konfront ta' l-esponent ghas-somma ta' erbgha mitt Elf Ewro (€400,000) [Dok D];*

*vi. Illi umilment jigi rilevat li minn qari tar-rikors ta' Silvio Buttigieg ma jirrizultax li huwa qajjem ragunijiet gravi u validi fit-tifsira ta' l-Art. 253(e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponent ma ghandu l-ebda diffikulta jaqbel fid-dawl tad-dokumentazzjoni pprezentata flimkien ma din ir-risposta li t-titolu ezekuttiv tieghu jigi limitat ghas-somma ta' erbgha mitt*

*elf Ewro (€400,000) rikonoxxut minn Silvio Buttigieg fl-iskrittura tat-30 ta' Marzu 2017 u l-imghax minn dik id-data u dan biss ai fini ta' ekonomija tal-gudizzju;*

*Salv ghal eccezzjonijiet ulterjuri u b'rizerva li l-esponent jressaq provi ohra u jaghmel sottomissjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz u b'rizerva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-esponenti fil-ligi fil-konfront tar-rikorrenti;*

Rat id-dokumenti annessi mar-risposta.

Rat il-provi mressqa.

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensur tal-intimat filwaqt li minn naħa tiegħu ir-rikorrent tramite d-difensur tiegħu għażel li ma jitrattax[2].

Rat li l-proċeduri tħallew għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Permezz tar-rikors in eżami r-rikorrent qiegħed jitlob is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala li mmaturat fil-31 ta' Diċembru 2012 ekwivalenti għas-somma ta' €275,008.80.

[2] Seduta tad-19 ta' Ġunju 2019 a fol 46

Minn naħa tiegħu l-intimat oppona għal tali sospensjoni għax fil-fehma tiegħu ma hemmx raġunijiet gravi u validi skont il-liġi sabiex tintlaqa' t-talba tar-rikorrent.

Mill-atti jirriżulta li –

i. Fl-**1 ta' Novembru 2011** ġiet iffirmata skrittura privata permezz ta' liema Silvio Buttigieg ikkonferma fost affarijiet oħra li kien irċieva self *brevi manu* mingħand Ahmed Karim fis-somma ta' $250,000[3];

ii. Fid-**29 ta' Diċembru 2011** ġiet iffirmata l-kambjala mertu ta' dawn il-proċeduri għas-somma ta' $363,000 (€275,008.80), liema kambjala mmaturat fil-31 ta' Diċembru 2012;

ii. Kif ammess mill-intimat stess, bejn **Novembru 2012 u Frar 2015** Silvio Buttigieg għamel numru ta' pagamenti[4];

iii. Imbagħad fit-**30 ta' Marzu 2017** ġiet iffirmata skrittura privata oħra permezz ta' liema Silvio Buttigier irrikonoxxa li sa dik id-data il-bilanċ dovut minnu kien ta' €400,000 u sar ftehim dwar diversi kundizzjonijiet fosthom li fuq il-bilanċ imsemmi kellhom jitħallsu l-interessi ta' 8% fis-sena kif ukoll li s-self kellu jitħallas lura kollu sa mhux aktar tard mit-30 ta' Marzu 2017 u fin-nuqqas jittieħdu l-provvedimenti ndikati fl-istess ftehim;

iv. Fis-**7 ta' Settembru 2017**[5] Ahmed Abdul Karim intavola ittra uffiċjali kontra Silvio Buttigieg permezz ta' liema nterpellah sabiex iħallas is-somma ta' €275,008.80 valur tal-kambjala mertu tal-proċeduri odjerni;

---

[3] Fol 7
[4] Fol 8 et seq

v. Xehed **Silvio Buttigieg**[6] li ta r-retroxena tas-self li ħa mingħad Ahmed Abdul Karim. Huwa kkontesta dak li hemm miktub fil-ftehim tat-30 ta' Marzu 2017 u qal li mhux minnu li għandu jtih €400,000 kif ukoll li d-dettalji li hemm fl-iskrittura qatt ma ftehmu fuqhom. Skont Buttigieg kulma tkellmu kien li jekk ibiegħ l-art li għandu fi Spanja kien lest li jikkumpensahom tajjeb anke aktar mill-ammont li kellu raddilhom lura.

In **kontro-eżami**[7] huwa kkonferma li ffirma l-kambjala u ma kkontestahiex. Il-firem fuqha huma tiegħu. Fil-fehma tiegħu lil Ahmed Abdul Karim kien fadallu jtih xi €85,000. Qal li kien jaf li jekk ma jħallasx il-flus kienu ser jibdew jiddekorru imgħaxijiet bi 8% iżda huwa ġie f'diffikultajiet finanzjarju għax in-negozju mar ħażin. Meta kellu flus disponibbli huwa ħallas pagamenti. Ġie muri kopja tal-iskrittura privata tat-30 ta' Marzu 2017 u kkonferma li l-firma kienet tiegħu. Żied jgħid hekk – *"Dan konna morna għand xi ħadd li ried imur hu, vera hawnhekk ktibt 400,000 jien imma jien għandi biċċa art Spanja u kont qed inbiegħha u meta kont xrajtha l-bank kien tani 60 % loan fuqha li kienu jammontaw għal 4.2million. Dal-aħħar il-bank qalli kieku ittini 1.6 million jien nirrilaxxaha. U jiena kellimni Karim għedtlu qed ibiegħha u qalli Karim fil-każ inbiegħuha aħna u ħadni għand dar-raġel u dar-raġel tani dil-kitba."* Spiċċa jgħid li kien qallu li jekk ibiegħuha 4.2 million, Karim seta' jieħu l-€400,000.

vi. Xehed **Melvin Mangion, konsulent finanzjarju**[8] li spjega kif ħadem il-kalkoli fid-dokument a fol 20-21.

**Ikkunsidrat:**

[5] Fol 2
[6] Fol 30 et seq
[7] Fol 35 et seq
[8] Fol 41

L-azzjoni odjerna qegħda ssir a tenur tal-**artikolu 253 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** li fost oħrajn jipprovdi hekk -

*"253.Huma titoli esekuttivi –*

*(…….)*

*(e) kambjali u promissory notes maħruġa skont il-Kodiċi tal-Kummerċ:*

*B'dan iżda illi l-qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala jew promissory note tista', b'digriet li ma jkunx appellabbli, tissospendi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kollha jew f'parti minnha u sew suġġett għal garanzija kif ukoll mingħajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kif fuq imsemmi, u li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika tal-ittra uffiċjali li tintbagħat biex tirrendi l-istess kambjala jew promissory note esegwibbli, minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew promissory note ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju tagħha jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni u f'dak il-każ biex persuna tesiġi l-ħlas ta' dik il-kambjala jew promissory note tkun trid tipproċedi b'kawża skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ."*

Dwar din il-materja ġew pronunzjati diversi sentenzi mill-Qrati. Fil-każ fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2784/13 fl-ismijiet **Joseph Mamo vs Joseph Zammit deċiż fil-15 ta' Lulju 2014**[9] intqal hekk:

*"Fis-sentenza tagħha tal-4 ta` Frar 1907 fil- kawża "**Francesco Zammit noe vs Paolo Scicluna noe**" il-Qorti tal-Kummerċ qalet hekk – "secondo la pratica di*

[9] Rik 981/13

*questi tribunali il pagamento di una cambiale accettata e scaduta viene sempre ordinato quando le eccezzioni siano tali da richiedere lunga indagine sotto quella cautela che il prudente arbitrio della Corte credesse opportuno". Dan il-pronunzjament jirrifletti dak li jgħid l-Art 198(2) tal-Kap 13, u ċioe` illi jekk ikun hemm eċċezzjonijiet kontra l-ħlas tal-import ta` kambjali, u dawk l-eċċezzjonijiet ikunu jinħtiegu ezami fit-tul, is-smigħ tagħhom isir f'kawża għaliha, u, sadanittant, il-kundanna għall-ħlas tal-kambjala, bil-garanzija jew mingħajrha, skont ma jidhrilha l-qorti, m'għandhiex tkun imdewma. Din id-disposizzjoni għadha fis-seħħ minkejja dak illi jgħid il-proviso tal-Art 253(e) tal-Kap 12 u għalhekk il-Qorti għandha tagħtiha il-qies dovut meta tkun sejra tagħti provvediment skond il-proviso tal-Art 253(e) tal-Kap 12."*

Fil-każ **Tal-Ħerba Construction Limited vs SMW Cortis Limited et deċiż fis-7 ta' Novembru 2013**[10] intqal:

*"Issa, kif dejjem ritenut minn dawn il-Qrati, l-awtonomija tal-kambjali hija l-pern tal-istitut, tant li ġie ritenut illi:*

*"Appena kambjala tiġi ammessa, tiġi krejata obligazzjoni 'ad hoc', għal kollox indipendenti u separata minn kwalunkwe obligazzjoni li setgħet ippreċedietha. Għalhekk f'kawża bħal din, l-eċċezzjonijiet ammissibbli huma ġeneralment limitati għall-kambjala nnifisha u bħala regola m' għandhomx jiġu permessi eċċezzjonijiet li jikkonċernaw obligazzjonijiet preċedenti.*

*Fl-azzjoni kambjarja huma permessi biss eċċezzjonijiet li jikkontestaw il-validita' formali tal-kambjala in kwantu jallegaw li din tkun fuq il-wiċċ tagħha*

[10] Rik 772/13

*inoltre f'xi waħda mill-elementi kostitwiti essenzjali tagħha kif trid il-liġi" (ara "***Pool vs Mercieca*** *deċiża mill-Prim'Awla fid-29 ta' Mejju 2003).*

*Jingħad ukoll:*

*"Kambjala toħloq l-obbligazzjoni ta' natura partikolari għaliex hija waħda indipendenti mill-causa obbligationis.*

*Tant hija awtonoma u indipendenti l-azzjoni kambjarja mill-obbligazzjoni li originat min-negozju li ta lok għall-ħruġ tagħha, li l-liġi stess, tirrestrinġi l-eċċezzjonijiet li setgħu jingħataw f'azzjoni għall-pagament tagħha. L-Artikolu 198 tal-Kodiċi ta' Kummerċ jipprovdi illi setgħu biss jingħataw f'azzjoni kambjarja:- (1) L-eċċezzjonijiet li huma personali għall-possessur tal-kambjala li ma jistgħux idewmu l-ħlas tagħha jekk ma jkunx dwar krediti likwidi u li jistgħu jinqatgħu malajr fil-kawża li tkun miexja. (2) Li jekk dawn l-eċċezzjonijiet ikunu jinħtieġu eżami fit-tul, is-smigħ tagħhom isir f'kawża għaliha u sadanittant, il-kundanna għall-ħlas tal-kambjala bil-garanzija jew mingħajrha, skont kif jidhrilha l-Qorti, m'ghandhiex tkun imdewma" ("***Busietta vs Attard***", deċiża fid-9 ta' Frar 2001). Hija minħabba din l-awtonomija li l-liġi tipprovdi biss għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni f'każ biss ta' raġunijiet gravi.*

……

*Kif irriteniet il-Qorti fil-kawża* ***"Michael Attard Limited vs Turista Limited"*** *(deċiża fit-22 ta' Novembru 2012): "Illi l-Qorti hija tal-fehma li tali raġunijiet gravi u validi ma jistgħux ikunu usa' mir-raġunijiet maħsubin mil-liġi speċjali – il-Kodiċi tal-Kummerċ – biex iżommu milli kambjala titħallas. Lanqas ma hija tal-fehma li fi proċedura bħalma hija din tal-lum, il-Qorti tistħarreġ il-mertu ta' xi kwestjoni li tolqot is-siwi tal-kambjala nnifisha jew tal-obbligazzjoni li fiha titnissel, liema stħarriġ jidher li jmissu jsir f'kawża li titressaq speċifikatament*

*għal dan il-għan. Kulma trid il-liġi f'din il-proċedura hu li l-Qorti tara jekk hemmx raġunjiet serji biżżejjed biex tissospendi l-esekuzzjoni tal-kambjala jew tal-promissory note li tkun."*

Imbaghad fil-każ fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 135/2012 fl-ismijiet **Adrian Warrington vs Josef Galdes deċiż fit-30 t'April 2012**[11] din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

*"Il-Qorti trid tagħmilha ċara illi hija b'ebda mod m'għandha tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritenew diversi drabi il-Qrati tagħna fir-rigward tal-proċedura maħsuba fl-Artikolu 836 tal-Kap 12 li hija simili għal din il-proċedura (naturalment hemm differenzi importanti għaliex l-Artikolu 836 jirrigwardja l-ħruġ ta' kontro-mandat) din għandha tkun waħda sommarja u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' prima facie. Dan qalitu din il-Qorti fil-kawża **"Camilleri vs Gove et"** deċiża fl-10 ta' Mejju 2001: "mid-dispożizzjoni tal-istess Artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan għaliex il-mertu kollu jiġi nvestigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja." (ara wkoll issentenza fil-kawża **"Emanuel Sammut vs Josephine Sammut"** deċiża fil-5 ta' Ġunju 2003). F'sitwazzjoni bħal dik odjerna pero', billi r-rikorrenti jkun qed jitlob biss l-opportunita' li jikkontesta azzjoni kambjarja eventwali, il-Qorti tħoss ukoll li għandha tkun sodisfatta li dwar il-validita' tal-kambjala ut sic u li dwar iċ-ċirkostanzi rigwardanti l-ħruġ tagħha ma hemm ebda dubju ta' validita'. (Digriet ta' din il-Qorti fl-atti **"Pecorella vs Sovereign Caterers"**, 11 ta' Marzu 2009 – dan il-ħsieb kondiviż mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Frar 2012*

[11] Rik 135/12

*għalkemm id-digriet ġie revokat għal raġuni oħra li m'għandhiex rilevanza f'dan il-każ.*

*Għalhekk il-Qorti trid tara jekk prima facie jeżistux raġunijiet, dejjem skond is-sub-artiklu msemmi mir-rikorrenti, biex il-Qorti tagħti ċans lir-rikorrenti li jikkontestaw din il-kawża eventwali, għaliex ma hemmx dubju li l-emenda li permezz tagħha l-kambjala saret titolu eżekuttiv kienet intiża biex tevita azzjonijiet inutili fejn l-eċċezzjonijiet tal-intimat huma tassew limitati. Kwindi l-Qorti trid appuntu tara jekk l-intimat hemmhekk ikollux opportunita' jressaq b'suċċess dawn l-eċċezzjonijiet."*

Fil-każ fl-ismijiet **Henry Depasquale vs Publishers Enterprises Group (PEG Ltd) deċiż fis-16 ta' Diċembru 2008**[12] ingħad hekk:

*"Din il-Qorti kif presjeduta fil-kawża fl-ismijiet* ***Briffa Giovanni vs Azzopardi Ronald*** *deċiża fil-5 ta' Frar 2008 qalet:*

*'Illi minn qari akkurat ta' l-imsemmi sezzjoni jidher ċar li hemm żewġ bażi għaliex l-eżekuzzjoni tal-kambjala tista' tiġi sospiża u ċioe` li l-firma ma tkunx tal-persuna jew mandatarju tagħha u sekondarjament fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi għall-oppożizzjoni ta' l-eżekuzzjoni. F'dak il-każ il-persuna li teżiġi l-ħlas tkun trid tipproċedi b'kawża skond id-dispożizzjoni tal-Kodiċi tal-Kummerċ. Il-liġi ma tispeċifikax x'inhuma r-raġunijiet gravi u fil-fehma tal-Qorti dan ma sarx b'xi nuqqas tal-leġislatur iżda intenzjonatament għax il-leġislatur ried iħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti f'liema każijiet ikollha quddiemha l-Qorti għandha tilqa' t-talba jew le. Ċertament li r-raġuni valida m'għandhiex tkun waħda frivola għax kif tgħid l-*

[12] Rik 475/07

*istess liġi ħlief fil-każ tal-firma r-raġuni trid tkun gravi u valida u dan jagħmilha ċara li persuna ma tistax kapriċċożament topponi tali eżekuzzjoni."*

Minn dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali huwa ċar li l-Qorti fi proċeduri ta' din ix-xorta għandha tissospendi l-eżekuzzjoni tal-kambjala f`wieħed minn dawn il-każijiet:

1. Jekk il-firma fuq il-kambjala mhux tal-persuna;
2. Jekk jeżistu raġunijiet gravi u validi.

Issa fl-ewwel lok fil-proċeduri odjerni, ir-rikorrent m'għamel ebda allegazzjoni li l-firma fuq il-kambjala mhix tiegħu. Anzi, fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti Buttigieg ikkonferma li ffirmaha.

Jifdal għalhekk l-indaġini tal-Qorti – li naturalment għandha tkun waħda sommarja - dwar jekk jeżistux raġunijiet validi **u** gravi għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni mitluba.

Il-Qorti bla tlaqliq tgħid li dawn ir-raġunijiet ma rriżultawx. Biss biss il-provi juru li ftit xhur biss qabel ma ntavola r-rikors in eżami, Silvio Buttigieg kien għadu kemm iffirma skrittura privata datata 30 ta' Marzu 2017 permezz ta' liema mhux biss irrikonoxxa li kien fadallu jagħti bilanċ ta' €400,000 lil Ahmed Abdul Karim, iżda aċċetta anke li jħallas l-imgħax fuq il-bilanċ. Buttigieg ikkonferma li dik kienet il-firma tiegħu fuq l-istess ftehim. Fil-provi ġew indikati wkoll il-ħlasijiet li kien għamel Buttigieg matul is-snin u x'kien fadallu jagħti u ma nġiebet ebda prova kuntrarja. Ir-rikorrent Buttigieg irribatta li bilanċ

x'iħallas *"sa fejn naf jien kien fadalli xi 85,000*[13]*"* iżda din lanqas remotament ma ġiet sostanzjata.

Inoltre ħareġ ċar fuq ammissjoni tiegħu stess li Buttigieg għandu diffikultajiet finanzjarji biex iħallas għaliex il-business mar ħażin – iżda din mhijiex raġuni gravi u valida biex tintlaqa' t-talba tiegħu kif redatta fir-rikors tad-29 ta' Settembru 2017.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-proċeduri billi tiċħad it-talba tar-rikorrent Silvio Buttigieg tad-29 ta' Settembru 2017 bi spejjeż kontra tiegħu.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**

[13] Fol 36